DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/299

tat-12 ta' Frar 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji tal-persunal b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ([1]) (it-"TKT") ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 ([2]).

(2) F'konformità mal-Artikolu 41(3) tat-TKT, it-TKT ilu japplika proviżorjament mid-9 ta' Ottubru 2017. Fil-preżent japplika provviżorjament forst il-Partijiet Kontraenti, jiġifieri l-Unjoni, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo *, il-Montenegro u r-Repubblika tas-Serbja.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (il-"Kumitat ta' Tmexxija") għandu jadotta Deċiżjonijiet dwar ċerti materji tal-persunal biex jiżgura l-implimentazzjoni kif suppost tat-TKT.

(4) Hu xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tiegħu dwar ċertu kwistjonijiet tal-persunal, peress li Deċiżjonijiet bħal dawn huma neċessarji għat-tnedija tal-ħidma tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, u ser ikollhom effetti legali fil-konfront tal-Unjoni.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjonijiet mehmużin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdiliet minuri għal dawk l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).
* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
E.O. TEODOROVICI

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2019 TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …

dwar l-adozzjoni ta' regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport kif stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-President

ANNESS

Regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

I. ĠENERALI

1. Dawn ir-Regoli jistabbilixxu l-proċeduri għar-reklutaġġ tad-Direttur u ta' kwalunkwe Deputat Direttur kif ukoll tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport (is-"Segretarjat"), ir-rekwiżiti dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u dwar l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal, skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-"Trattat").

2. Fil-każ ta' xi kontradizzjoni bejn dawn ir-Regoli u t-Trattat, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

II. IR-REKLUTAĠĠ TAD-DIRETTUR U TA' KWALUNKWE DEPUTATI DIRETTURI TAS-SEGRETARJAT

3. Mal-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, għandha tiġi ppubblikata sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Direttur jew ta' Deputat Direttur fl-Unjoni Ewropea (l-"Unjoni") kif ukoll fil-Partijiet mix-Xlokk tal-Ewropa (ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo *, il-Montenegro u r-Repubblika tas-Serbja).

4. Tal-anqas 30 jum qabel id-data tal-laqgħa rilevanti tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali li fl-aġenda tagħha titniżżel il-ħatra tad-Direttur jew ta' Deputat Direttur, il-Kummissjoni Ewropea għandha tqassam proposta li jkun fiha l-kandidat propost.

5. Il-kandidat għandu jiġi nnominat fil-kapaċità personali tiegħu.

6. Il-kandidat għandu jkun ċittadin ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni jew ta' kwalunkwe Parti mix-Xlokk tal-Ewropa.

7. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għandha tkun ġustifikata b'mod li tqis ir-responsabbiltajiet li d-Direttur jew id-Deputat Direttur. Din għandu jkun fiha deskrizzjoni tal-kwalifiki u tal-esperjenza tal-persuna nominata u għandha titressaq wara li l-persuna tkun diġà qablet li tiġi nnominata.

8. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tesprimi l-fehmiet tagħha dwar il-proposta. Jekk dan isir bil-miktub qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, il-President tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali (il-"President") għandu jħabbar id-dikjarazzjoni rilevanti matul il-laqgħa.

9. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jista' jitlob li l-kandidat propost jinstama' matul il-laqgħa tiegħu qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar il-ħatra. Il-President għandu jipproponi minn qabel regoli operazzjonali *ad hoc* għas-seduta (perijodu ta' żmien, numru ta' mistoqsijiet, eċċ.)

10. Wara konsultazzjoni tal-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jiddeċiedi dwar il-ħatra tad-Direttur u ta' kwalunkwe Deputat Direttur b'unanimità skont l-Artikolu 24(3) tat-Trattat.

11. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jindika fid-deċiżjoni tiegħu d-data tal-bidu tal-ħatra.

12. Fi żmien sebat ijiem tal-kalendarju mid-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, il-President għandu joħroġ Att ta' Ħatra li għandu jkun iffirmat ukoll mid-Direttur jew mid-Deputat Direttur.

III. IR-REKLUTAĠĠ TAL-PERSUNAL TAS-SEGRETARJAT

Ġenerali

13. Ir-reklutaġġ tal-persunal tas-Segretarjat għandu jkun ibbażat b'mod kumulattiv fuq il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

— it-trasparenza tal-proċeduri tal-għażla;

— in-nondiskriminazzjoni;

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

— il-kompetizzjoni u l-professjonaliżmu;

— il-bilanċ bejn is-sessi; u

— l-ekwilibriju ġeografiku.

14. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jadotta l-Organigramma tas-Segretarjat, abbażi ta' proposta mid-Direttur.

15. Kwalunkwe persuna li hija ċittadina ta' kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tapplika għal kwalunkwe pożizzjoni mħabbra fis-Segretarjat.

16. L-applikanti għandhom japplikaw fil-kapaċità personali tagħhom.

17. Is-Segretarjat għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-għażla skont dawn ir-Regoli. Is-Segretarjat jista' jinvolvi konsulenza esterna biex issostni l-ħidma tiegħu fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri tal-għażla.

18. Il-persunal, minbarra d-Deputati Diretturi, għandu jintgħażel u jinħatar mid-Direttur.

19. Lil hinn mill-proċedura tal-għażla, kwalunkwe ħatra formali għandha tkun soġġetta għal ċertifikazzjoni minn tabib kwalifikat dežinjat mid-Direttur li l-persuna maħtura jkollha l-grad ta' idoneità fiżika meħtieġ għall-kariga.

20. Kwalunkwe ħatra għandha tkun għal terminu fiss, wara perijodu ta' prova skont dawn ir-Regoli, u għandha tkun tista' tiġġedded.

21. Għandu jiġi stabbilit perijodu ta' prova ta' sitt xhur mill-ħatra għal kwalunkwe pożizzjoni. Skont il-punt 23(b), il-perijodu ta' prova jista' jiġi estiż b'massimu ta' sitt xhur.

22. Kwalunkwe perijodu ta' servizz fl-imgħoddi mas-Segretarjat bħala uffiċjal stabbilit jista' jiġi kkunsidrat, b'mod komplet jew f'parti minnu, bħala perijodu ta' prova. Dan għandu jkun japplika meta l-obbligi ewlenin taħt id-deskrizzjoni tal-impjieg tal-pożizzjoni preċedenti u dik tal-pożizzjoni inkwistjoni, li l-uffiċjal ikun inħatar għaliha skont dawn ir-Regoli jikkoinċidu ma' xulxin.

23. Matul il-ħames xahar ta' kwalunkwe perijodu ta' prova, is-superjur ġerarkiku dirett tal-uffiċjal għandu jfassal rapport dwar il-kompetenza, l-effiċjenza u l-imġiba tiegħu. Ir-rapport għandu jirrakkomanda:

(a) li tiġi kkonfermata l-ħatra tal-uffiċjal;

(b) li l-perijodu ta' prova tal-uffiċjal jiġi estiż sa massimu ta' sitt xhur; jew

(c) li l-ħatra tal-uffiċjal tiġi tterminata.

24. Ir-rapport imsemmi fil-punt 23 għandu jintbagħat lid-Direttur għal deċiżjoni qabel ma jintemm il-ħames xahar.

25. Il-perijodu ta' prova għandu jitqies li huwa parti mit-terminu ġenerali tal-ħatra.

26. Fuq proposta minn kwalunkwe Parti Kontraenti, id-Direttur, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, jista' jaħtar espert issekondat mill-Parti Kontraenti għal perijodu massimu ta' tliet snin, soġġett għal kapaċità amministrattiva u finanzjarja. Id-Direttur għandu jadotta regoli dettaljati rigward l-istatus tal-esperti ssekondati.

It-trasparenza u l-proċedura tal-għażla

27. Is-Segretarjat għandu jniedi l-proċedura tal-għażla billi jippubblika avviżi ta' postijiet battala li jispeċifikaw il-kriterji rigward il-kompetenzi ġenerali u speċifiċi u l-kwalifiki ewlenin meħtieġa kif ukoll id-durata possibbli tal-ħatra, il-funzjoni u l-passi ewlenin tal-proċedura tal-għażla.

28. Kwalunkwe avviż ta' post battal għandu jiġi ppubblikat bl-Ingliż fuq is-sit web tas-Segretarjat kif ukoll fl-istampa internazzjonali u speċjalista tal-anqas xahrejn qabel il-bidu tal-proċedura tal-għażla rilevanti. L-informazzjoni għandha titqassam lill-Partijiet Kontraenti kollha wkoll.

29. Id-Direttur jista' jidentifika informazzjoni, soġġetta għall-kunfidenzjalità, li għandha titħabbar biss lill-applikanti magħżula biex jifformaw il-lista qasira ta' kandidati. Madankollu, informazzjoni bħal din ma tistax tkun tirreferi għad-deskrizzjoni tal-impjieg innifisha.

30. Fil-proċedura tal-għażla, id-Direttur għandu jkun sostnut minn Kumitat tal-Għażla, li għandu jkun jikkonsisti f'tal-anqas erba' membri: id-Direttur, rappreżentant wieħed tal-Presidenza u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea. Persunal ieħor tas-Segretarjat ukoll jista' jkun inkluż fil-Kumitat tal-Għażla. F'każijiet speċifiċi, b'mod partikolari għall-proċeduri tal-għażla tal-esperti, jista' jiġi deżinjat membru estern addizzjonali wara proposta mill-Kummissjoni Ewropea.

31. Il-Kumitat tal-Għażla għandu jevalwa l-applikazzjonijiet u jaqbel, għal kull post battal, fuq lista qasira ta' applikanti li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u li jissodisfaw bl-aħjar mod il-kriterji tal-għażla meħtieġa mill-avviż ta' post battal.

32. Il-Kumitat tal-Għażla għandu jistieden għal intervista lill-applikanti li jiddaħħlu fil-lista qasira ta' kandidati.

33. Jekk il-Kumitat tal-Għażla jsib li dan ikun neċessarju, huwa jista' jiddeċiedi li jistieden lill-applikanti mdaħħla fil-lista qasira għal testijiet bil-miktub li jsiru fl-istess jiem bħall-intervisti. Il-kontenut tat-testijiet għandu jkun iddefinit f'konformità mal-livell u mal-profil tal-pożizzjoni ippubblikata. It-testijiet bil-miktub, imfassla skont il-profil tal-kariga, għandhom ikunu jikkonsistu f'mill-anqas il-komponenti li ġejjin:

(a) aptitudnijiet ġenerali u ħiliet lingwistiċi sal-punt neċessarju għat-twettiq tad-dmirijiet u tal-kompetenzi speċifiċi b'referenza għall-profili rilevanti, u

(b) għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istil tal-kitba u tal-preżentazzjoni.

34. Abbażi tal-applikanti mdaħħla fil-lista qasira ta' kandidati u b'konsiderazzjoni tar-riżultati tal-intervisti, id-Direttur jista' jistabbilixxi lista ta' riżerva. Din il-lista ta' riżerva għandha tkun valida sa 12-il xahar mid-data tal-istabbiliment tagħha u l-validità tagħha tista' tiġi estiża b'deċiżjoni tad-Direttur.

35. Kwalunkwe eżitu ta' proċedura tal-għażla għandu jkun rifless bil-miktub fi protokoll li għandu jkun iffirmat mill-membri tal-Kumitat tal-Għażla. L-applikanti għandhom ikunu informati dwar l-eżitu tal-proċedura tal-għażla.

36. Kwalunkwe Parti Kontraenti hija intitolata li tikseb kopja ta' kwalunkwe wieħed mill-protokolli taħt il-punt 35 fuq talba bil-miktub lid-Direttur.

In-nondiskriminazzjoni

37. Id-diskriminazzjoni matul il-proċedura tal-għażla għal kwalunkwe raġuni għandha tkun ipprojbita.

38. Kull kariga għandha tkun miftuħa bl-istess mod għan-nisa u għall-irġiel mingħajr ebda referenza għar-reliġjon, għan-nazzjonalità, għar-razza jew għat-twemmin.

Il-kompetizzjoni u l-professjonaliżmu

39. L-ebda kariga partikolari m'għandha tkun riżervata għal persuni u/jew għal ċittadini partikolari ta' xi Parti Kontraenti.

40. Meta jaħtar il-persunal, id-Direttur għandu jagħti kunsiderazzjoni primarja lin-neċessità li jinkisbu s-servizzi tal-persuni bl-ogħla standards ta' kompetenza u ta' integrità. Kwalunkwe deskrizzjoni tax-xogħol fl-avviżi ta' postijiet battala għandha tiddikjara biċ-ċar ir-rekwiżiti formali rigward l-edukazzjoni, l-esperjenza, il-ħiliet lingwistiċi, eċċ.

41. Ir-reklutaġġ għandu jkun miftuħ għall-kompetizzjoni fost il-kandidati interni u kwalunkwe applikant ieħor, abbażi ta' standards ta' opportunitajiet indaqs. Fost il-kandidati bi kwalifiki u b'esperjenza ndaqs, għandha tingħata preferenza lill-applikanti interni.

IV. KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL TAL-PERSUNAL

42. Id-Direttur għandu jiżgura li, skont il-baġit tas-Segretarjat u f'konformità mar-regoli baġitarji u mad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet taħt it-Trattat, il-persunal tas-Segretarjat jiġu pprovduti bil-kundizzjonijiet tax-xogħol neċessarji f'termini ta' tagħmir, tal-ispazju tax-xogħol, tal-aċċess għall-informazzjoni disponibbli, eċċ.

43. Kwalunkwe uffiċjal tas-Segretarjat għandu d-dritt li jitlob mingħand id-Direttur li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu. It-talba għandha tkun ġustifikata kif xieraq. F'każ li t-talba ma tkunx tista' tiġi mwettqa, id-Direttur jew kwalunkwe membru awtorizzat ieħor tal-persunal għandu jipprovdi tweġiba rilevanti bil-miktub lill-uffiċjal.

44. Id-Direttur jista' jadotta regoli interni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol skont il-punti 42 u 43.

V L-EKWILIBRIJU ĠEOGRAFIKU FIR-RIGWARD TAL-PERSUNAL

45. Id-Direttur għandu jipprovdi għal distribuzzjoni ekwitabbli tal-karigi fost iċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti, sa fejn possibbli u skont l-interessi tas-Segretarjat.

VI. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

46. Dawn ir-Regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2019 TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …

dwar l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport kif stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali
Il-President

ANNESS

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport

1. SKOP

Dawn ir-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxu l-patti u l-kundizzjonijiet tas-servizz tal-membri tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport. Dawn jifformaw parti integrali mill-ftehimiet individwali dwar l-impjieg ħlief fejn stipulat mod ieħor f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

2. DEFINIZZJONIJIET U APPLIKABBILTÀ

2.1. Definizzjonijiet

(1) "Partijiet Kontraenti" tfisser il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, jiġifieri l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa (ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo *, il-Montenegro u r-Repubblika tas-Serbja);

(2) "Kumitat ta' Tmexxija" tfisser il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport;

(3) "Segretarjat" tfisser is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport;

(4) "Direttur" tfisser id-Direttur tas-Segretarjat;

(5) "membri tal-persunal" tfisser l-uffiċjali kollha tas-Segretarjat, jiġifieri d-Direttur, id-Deputati Diretturi u l-persunal l-ieħor kollu mill-Partijiet Kontraenti, li jaħdmu b'mod permanenti fis-Segretarjat skont dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u l-esperti ssekondati;

(6) "persunal lokali" tfisser il-persuni, għajr il-membri tal-persunal, li huma reklutati mis-Segretarjat fir-Repubblika tas-Serbja għall-finijiet tal-ħidma teknika bħall-manutenzjoni, it-tindif, is-sewqan, eċċ.;

(7) "esperti ssekondati" tfisser il-persunal issekondat mill-gvernijiet tiegħu jew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali għal inkarigu fi ħdan is-Segretarjat;

(8) "Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali" tfisser il-Ftehim bejn ir-Repubblika tas-Serbja u l-Komunità tat-Trasport rigward is-sede tas-Segretarjat;

(9) "regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku" tfisser ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport;

(10) "fastidju psikoloġiku" tfisser kwalunkwe mġiba mhux xierqa li sseħħ matul perijodu ta' żmien, li tkun ripetuta jew sistematika u li tinvolvi mġiba fiżika, jew lingwaġġ mitkellem jew miktub, mossi jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jimminaw il-personalità, id-dinjità jew l-integrità fiżika jew psikoloġika ta' kwalunkwe persuna;

(11) "fastidju sesswali" tfisser imġiba relatata mas-sess li mhijiex mixtieqa mill-persuna li lejha hija indirizzata u li għandha l-għan jew l-effett li toffendi lil dik il-persuna jew li toħloq ambjent intimidanti, ostili, jew offensiv jew disturbanti. Il-fastidju sesswali għandu jiġi ttrattat bħala diskriminazzjoni minħabba l-ġeneru;

(12) "imġiba ħażina mid-Direttur" tfisser:

(a) meta d-Direttur iżomm is-salarju b'mod parzjali jew fl-intier tiegħu ta' membru tal-persunal u d-dewmien ikun ta' aktar minn 15-il jum ta' xogħol;

(b) meta d-Direttur jikser il-kundizzjonijiet tal-impjieg kif speċifikati fil-ftehim dwar l-impjieg; jew

(c) meta d-Direttur iwettaq attakk jew libell sinifikanti b'rabta ma' membru tal-persunal;

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

(13) "imġiba ħażina mill-membru tal-persunal" tfisser:

(a) rifjut mhux ġustifikat mill-membru tal-persunal biex jaqdi kompiti speċifiċi assenjati mid-Direttur jew mis-superjur l-ieħor tal-membru tal-persunal, meta l-membru tal-persunal ikun diġà ġie notifikat tal-anqas darba bil-miktub dwar nuqqas ta' prestazzjoni simili;

(b) it-twettiq ta' reat;

(c) l-abbandun ta' kariga, jiġifieri meta l-membru tal-persunal ikun nieqes mingħajr awtorizzazzjoni jew mingħajr spjegazzjoni sodisfaċenti għal aktar minn sebat ijiem ta' xogħol;

(d) fastidju psikoloġiku jew sesswali;

(e) kwalunkwe mġiba li tista' tkun raġonevolment mistennija li ġġib jew li ġabet lill-Komunità tat-Trasport fi skreditu pubbliku serju;

(f) kwalunkwe użu jew tentattiv ta' użu tal-pożizzjoni tal-membru tal-persunal fis-Segretarjat għall-vantaġġ personali tiegħu; jew

(g) kwalunkwe forma ta' abbuż tal-fondi tal-Komunità tat-Trasport.

2.2. Applikabbiltà

(a) Dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw għall-membri tal-persunal u ma għandhomx japplikaw għall-persunal lokali.

(b) L-esperti ssekondati għandu jkollhom arranġamenti speċjali rregolati b'kuntratt bejn is-Segretarjat u l-gvern jew l-organizzazzjoni internazzjonali ta' sekondament. Id-Direttur għandu jiddeċiedi f'kull każ kemm dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw għall-esperti ssekondati.

3. DMIRIJIET, OBBLIGI U PRIVILEĠĠI

3.1. In-natura internazzjonali tas-servizz

Billi jaċċettaw il-ħatra tagħhom, il-membri tal-persunal għandhom jintrabtu li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom u jirregolaw l-imġiba tagħhom unikament fl-interessi tal-Komunità tat-Trasport. Dawn għandhom ikunu soġġetti għall-awtorità tad-Direttur u għandhom ikunu responsabbli quddiemu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Fil-qadi ta' dmirijiethom, ma għandhomx jistennew u lanqas jaċċettaw struzzjonijiet minn gvern, minn organizzazzjoni internazzjonali jew minn awtorità oħra esterna għall-Komunità tat-Trasport.

3.2. L-imġiba

(a) Il-membri tal-persunal għandhom iġibu ruħhom f'kull ħin b'mod li jibbenefika l-istatus internazzjonali tal-Komunità tat-Trasport. Il-privileġġi u l-immunitajiet applikabbli skont il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali jingħataw fl-interessi tal-Komunità tat-Trasport.

(b) Il-membri tal-persunal ma għandhomx, fil-qadi ta' dmirijiethom u għajr kif ipprovdut minn hawn 'il quddiem, jittrattaw xi qasam li, direttament jew indirettament, ikollhom xi interess personali fih tant li jfixkel l-indipendenza tagħhom u, partikolarment, xi interessi tal-familja jew interessi finanzjarji.

(c) Kwalunkwe membru tal-persunal li, fil-qadi ta' dmirijietu, ikollu jieħu ħsieb kwistjoni msemmija fil-punt (b) ta' din it-Taqsima, għandu minnufih javża lid-Direttur. Id-Direttur għandu jieħu kwalunkwe miżura xierqa, u jista' b'mod partikolari jneħħi lill-membru tal-persunal mir-responsabbiltà ta' dik il-kwistjoni.

(d) Il-membri tal-persunal la jistgħu jżommu u lanqas jakkwistaw, direttament jew indirettament, f'impriżi li huma soġġetti għall-awtorità tal-Komunità tat-Trasport jew li kellhom x'jaqsmu ma' dik l-istituzzjoni, xi interess tat-tali tip jew kwantità li tista' tfixkel l-indipendenza tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

(e) Membru tal-persunal li jirċievi ordnijiet li huwa jqis li jkunu irregolari jew aktarx li jwasslu għal diffikultajiet serji għandu jinforma lis-superjur ġerarkiku dirett tiegħu. Jekk is-superjur ġerarkiku dirett jikkonferma l-ordnijiet u l-membru tal-persunal jemmen li t-tali konferma ma tikkostitwixxix risposta raġonevoli għar-raġunijiet għat-tħassib tiegħu, il-membru tal-persunal għandu jirreferi l-kwistjoni bil-miktub lill-awtorità ġerarkika diretta li hija eżatt fuq is-superjur dirett. Jekk tal-aħħar tikkonferma l-ordnijiet bil-miktub, il-membru tal-persunal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-istandards relevanti ta' sigurtà.

Jekk is-superjur ġerarkiku dirett iqis li l-ordnijiet għandhom ikun esegwiti minnufih, il-membru tal-persunal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-istandards rilevanti ta' sigurtà. Fuq it-talba tal-membru tal-persunal, is-superjur ġerarkiku dirett għandu jkun obbligat li jagħti t-tali ordnijiet bil-miktub.

(f) Kwalunkwe membru tal-persunal li, matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu, isir jaf b'xi fatti li joħolqu suppożizzjoni tal-eżistenza ta' attività possibbilment illegali, inklużi frodi jew korruzzjoni, li tkun detrimentali għall-interessi tal-Komunità tat-Trasport, jew ta' mġiba relatata mar-rilaxx tad-dmirijiet professjonali li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas serju ta' konformità mal-obbligi tal-membri tal-persunal, għandhu mingħajr dewmien javża jew lid-Direttur jew, jekk jaħseb li tkun utli, lill-President tal-Kumitat ta' Tmexxija, jew lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

(g) Il-membri tal-persunal ma għandhomx isofru minn xi effetti ta' preġudizzju min-naħa tal-Komunità tat-Trasport bħala riżultat talli kkomunika l-informazzjoni msemmija fil-punti (e) u (f) ta' din it-Taqsima, dment li jkunu aġixxew b'mod raġonevoli u bl-onestà.

3.3. Attivitajiet esterni

(a) Il-membri tal-persunal ma għandhomx ikunu involuti f'xi attività barra l-Komunità tat-Trasport li tkun inkompatibbli mal-eżekuzzjoni xierqa ta' dmirijiethom, jew li tista' tikkawża kunflitt bejn l-interessi personali u l-interessi tal-Komunità tat-Trasport, jew tista' tikkawża ħsara għar-reputazzjoni tal-Komunità tat-Trasport.

(b) Il-membri tal-persunal ma għandhomx ikunu involuti f'xi attività mħallsa barra mill-Komunità tat-Trasport mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tad-Direttur.

(c) Membru tal-persunal li jkollu sehem, b'mod dirett jew indirett, minn kumpanija involuta fis-settur tat-trasport, li jippermettilu jinfluwenza l-ġestjoni tal-kumpanija, għandu jinnotifika bil-miktub lid-Direttur dwar dak il-fatt. Jekk dak ikun il-każ għad-Direttur, dan għandu jinforma lill-Presidenza tal-Kumitat ta' Tmexxija.

3.4. Fastidju

Il-membri tal-persunal ma jistgħux jagħtu fastidju tat-tip psikoloġiku jew sesswali. Membru tal-persunal li jkun safa vittma ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali ma għandux isofri xi effetti ta' preġudizzju min-naħa tas-Segretarjat. Membru tal-persunal, li jkun ipprovda evidenza dwar fastidju psikoloġiku jew sesswali, ma għandux isofri xi effetti ta' preġudizzju min-naħa tas-Segretarjat, dment li l-uffiċjal ikun aġixxa b'onestà.

3.5. Użu u rilaxx tal-informazzjoni

(a) Il-membri tal-persunal għandhom jeżerċitaw id-diskrezzjoni neċessarja fl-oqsma kollha ta' ħidma uffiċjali. Dawn ma għandhomx, ħlief meta jeżerċitaw dmirijiethom jew bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur, jikkomunikaw lil xi persuna informazzjoni mhux ippubblikata magħrufa minnhom minħabba l-pożizzjoni uffiċjali tagħhom, u lanqas ma għandhom jużaw it-tali informazzjoni f'xi ħin biex jiksbu vantaġġ personali, li jinkludi vantaġġ finanzjarju. Dak l-obbligu għandu jkompli jorbot lill-membri tal-persunal wara t-terminazzjoni tas-servizz tagħhom.

(b) Il-membri tal-persunal ma għandhomx jippubblikaw, jikkawżaw li jiġi ppubblikat, jew jassistu biex jiġi ppubblikat xi materjal relatata mal-Komunità tat-Trasport jew jagħmlu indirizz pubbliku f'isem il-Komunità tat-Trasport ħlief matul dmirijiethom jew bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur.

(c) Il-komunikazzjoni uffiċjali f'isem il-Komunità tat-Trasport għandha ssir mid-Direttur jew tkun awtorizzata b'mod espliċitu mill-membri tal-persunal.

3.6. Drittijiet proprjetarji u l-użu ta' faċilitajiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni

(a) Id-drittijiet kollha li jinkludu t-titlu, id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet tal-privattiva b'rabta ma' kwalunkwe ħidma mwettqa mill-membri tal-persunal bħala parti mid-dmirijiet uffiċjali tagħhom għandhom ikunu vestiti fil-Komunità tat-Trasport.

(b) Ir-riżorsi kollha mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-membri tal-persunal mill-Komunità tat-Trasport bil-għan li jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għal oġġetti, għal dokumenti, għal noti u għal korrispondenza, għandhom jintużaw unikament għal dawk l-għanijiet.

(c) Meta jużaw il-faċilitajiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-Komunità tat-Trasport, il-membri tal-persunal ma għandhomx jiksbu fuq talba jew iqassmu materjal jew kontenut illegali li jista' jwaqqa' r-reputazzjoni tal-Komunità tat-Trasport.

3.7. Unuri u rigali

(a) B'rabta ma' dmirijiethom, il-membri tal-persunal ma għandhomx jaċċettaw jew joffru xi unur, dekorazzjoni, favur, rigal jew tariffa mingħand jew lil xi gvern, organizzazzjoni internazzjonali jew sors ieħor estern għas-Segretarjat, li ma jkunux kompatibbli mal-istatus tagħhom bħala impjegati taċ-ċivil internazzjonali. Il-membri tal-persunal li jiġu offruti jew li jirċievu tali unur, dekorazzjoni, favur, rigal jew tariffa għandhom jirrapportaw dak il-fatt minnufih lid-Direttur. Rigali riċevuti mill-membri tal-persunal f'kapaċità uffiċjali għandhom isiru prorpjetà tal-Komunità tat-Trasport, għandhom jinżammu fil-bini tas-Segretarjat u għandhom ikunu elenkati f'indiċi mfassal għal dak l-għan.

(b) Il-punt (a) ta' din it-Taqsima ma għandux japplika għal oġġetti ta' valur baxx li, kif ikun evidenti min-natura tagħhom, jiġu pprovduti bħala prattika tas-soltu ta' ospitabilità bħal pinen, basktijiet, folders eċċ.

4. REKLUTAĠĠ

4.1. Ir-regoli dwar ir-reklutaġġ

Il-membri tal-persunal għandhom jiġu reklutati skont ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku.

4.2. Ir-rekwiżiti

(a) Il-kunsiderazzjoni fundamentali fir-reklutaġġ tal-membri tal-persunal għandha tkun in-neċessità tal-kisba tal-istandards għoljin ta' kompetenza, ta' effiċjenza u ta' integrità meħtieġa mill-Komunità tat-Trasport.

(b) Ir-reklutaġġ bħala membru tal-persunal għandu tal-anqas ikun jeħtieġ:

(i) livell ta' edukazzjoni postsekondarja attestat minn diploma, jew livell ta' edukazzjoni sekondarja attestat b'diploma li jagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas ħames snin jew, fejn ġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali ta' livell ekwivalenti; jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin attestat b'diploma jew, fejn ġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti;

(ii) li l-applikant ikollu ċ-ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew ta' waħda mill-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa, u jkun igawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin;

(iii) l-issodisfar ta' kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;

(iv) ir-referenzi xierqa dwar il-karattru rigward l-adegwatezza tal-membru tal-persunal għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu; u

(v) ċertifikazzjoni minn tabib kwalifikat li l-membru tal-persunal għandu l-grad ta' idoneità fiżika meħtieġ għall-kariga.

4.3. Ftehim dwar l-impjieg

(a) It-termini tal-impjieg ta' membru tal-persunal għandhom ikunu rregolati minn ftehim dwar l-impjieg li għandu jkun iffirmat mid-Direttur u mill-membru tal-persunal. Il-ftehimiet dwar l-impjieg għad-Direttur u għad-Deputati Diretturi għandhom ikunu ffirmati mill-Presidenza tal-Kumitat ta' Tmexxija.

(b) Ftehim dwar l-impjieg għandu jiddikjara tal-anqas:

(i) l-isem u l-indirizz legali tas-Segretarjat;

(ii) l-isem u l-indirizz legali tal-membru tal-persunal;

(iii) il-post tar-reklutaġġ, jiġifieri l-post fejn il-membru tal-persunal ikollu r-residenza normali tiegħu eżatt qabel ma jieħu l-kariga fis-Segretarjat;

(iv) id-data effettiva tal-ħatra;

(v) id-durata tal-ħatra;

(vii) l-istazzjon ordinarju tax-xogħol;

(vii) it-titolu tal-impjieg;

(viii) ir-remunerazzjoni totali li tappartjeni għall-ħatra;

(ix) il-kundizzjonijiet għall-prova;

(x) l-intitolament annwali ta' leave;

(xi) in-numru ta' sigħat tax-xogħol kull ġimgħa; u

(xii) il-lista ta' dokumenti, li jiġu mehmuża mal-ftehim dwar l-impjieg, inklużi dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u li jirreferu għar-regolamentazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol.

4.4. Deskrizzjonijiet tax-xogħol

(a) Kull kariga fis-Segretarjat għandu jkollha deskrizzjoni tal-impjieg li tispeċifika l-klassifikazzjoni interna tal-kariga, il-linja ġerarkika, id-dmirijiet u r-responsabblitajiet u l-kompetenzi u l-kwalifiki meħtieġa. Id-deskrizzjonijiet tal-impjiegi għandhom ikunu approvati mid-Direttur u għandhom ikunu mehmuża mal-ftehim dwar l-impjieg.

(b) Id-Direttur jista' jissospendi b'ġustifikazzjoni xierqa kwalunkwe wieħed/waħda mid-dmirijiet u mir-responsabbiltajiet tal-membru tal-persunal. Madankollu din ma tistax tkun taffettwa s-salarju tal-membru tal-persunal.

4.5. Sostituzzjoni

(a) Id-Direttur jista' jinnomina s-supplenti tiegħu f'każ ta' assenza, għal raġunijiet ta' ġestjoni amministrattiva u finanzjarja. Nomina bħal din ma għandhiex tittrasferixi b'mod awtomatiku xi dritt b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport.

(b) Id-Direttur jista' jinnomina s-supplenti għall-membri tal-persunal matul l-assenza tagħhom għal aktar minn tliet ijiem ta' xogħol. Matul dan it-terminu, il-membru tal-persunal responsabbli għandu jiġi nominat fuq bażi *ad hoc*.

4.6. Ir-rekwiżiti ġenerali tal-prestazzjoni

(a) Il-membri tal-persunal għandhom jaqdu dmirijiehomu u r-responsabblitajiet tagħhom b'kuxjenza u għandhom isegwu l-istruzzjonijiet u l-linji gwida kollha pprovduti mid-Direttur u minn superjuri jew superviżuri oħra. Il-membri tal-persunal għandhom jirrapportaw għand id-Direttur rigward l-attivitajiet tagħhom fuq bażi regolari.

(b) Id-Direttur jista' jassenja, b'mod temporanju jew permanenti, dmirijiet u responsabbiltajiet lil membru tal-persunal li jikkorrispondu għall-edukazzjoni u għat-taħriġ tal-membru tal-persunal u għall-kapaċitajiet tiegħu u li jkunu raġonevoli f'termini tad-deskrizzjoni rilevanti tal-impjieg.

(c) Il-membri tal-persunal jistgħu jippreżentaw bil-miktub in-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' kwalunkwe inkarigu jekk huma jemmnu li dan ma jkunx konformi mar-rekwiżiti skont il-punt (b) ta' din it-taqsima.

4.7. L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u d-djalogi mal-persunal

(a) Il-prestazzjoni ta' kull membru tal-persunal għandha tiġi rieżaminata f'intervalli perjodiċi, tal-anqas darba fis-sena, skont il-prinċipji ta' ħila, ta' effiċjenza u ta' mġiba fis-servizz.

(b) Ir-rapporti dwar il-prestazzjoni, li jinkludu kummenti u rakkomandazzjonijiet, għandhom isiru bil-miktub mis-superjuri ġerarkiċi diretti. Ir-rapport annwali għandu jiġi diskuss mal-membru tal-persunal ikkonċernat u jintwera lit-tali membru li jista' jehmeż miegħu kummenti li huwa jista' jqis rilevanti u għandu jiffirmah u jagħtih data.

4.8. Il-ħatriet u l-perjodi ta' estensjoni

(a) Il-ħatriet u l-estensjonijiet għandhom jingħataw għal terminu fiss li jrid jiġi speċifikat mid-Direttur u jistgħu jiġġeddu. Ħatra għal terminu fiss għandu jkollha data ta' skadenza speċifikata fil-ftehim dwar l-impjieg. Ħatra jew estensjoni b'terminu fiss ma għandhiex tkun tinvolvi xi obbligu ta' estensjoni jew ta' estensjoni ulterjuri jew ta' konverżjoni f'tip ieħor ta' ħatra jew xi dritt għal din.

(b) Id-Direttur għandu jinforma lill-membru tal-persunal bil-miktub, tal-anqas tliet xhur qabel ma jiskadi l-ftehim dwar l-impjieg, jekk jiġix offrut tiġdid tal-ftehim dwar l-impjieg u, jekk iva, b'liema kundizzjonijiet. Il-membri tal-persunal li jiġu offruti tiġdid għandhom jinformaw lid-Direttur bil-miktub, fi żmien xahar mir-riċevuta tal-offerta, jekk jaċċettawx l-offerta jew le. Inkella d-Direttur jista' jqis li l-offerta ġiet irrifjutata.

(c) Il-ħatra tad-Direttur u tad-Deputat Direttur ma għandhiex taqbeż it-tliet snin u ma tistax tiġġedded aktar minn darbtejn.

4.9. Perijodu ta' prova

(a) Il-ħatriet għandhom ikunu soġġetti għal perijodu ta' prova kif prevista mir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku u b'kundizzjonijiet ulterjuri li jistgħu jiġu speċifikati fil-ftehim dwar l-impjieg.

(b) Għall-fini tal-prova, għandhom jgħoddu biss il-jiem ta' xogħol effettivament imwettqa matul il-perijodu ta' prova. F'każ ta' assenza ta' membru tal-persunal mix-xogħol għal aktar minn ħmistax-il jum ta' xogħol, il-perijodu ta' prova għandu jestendi b'mod awtomatiku bin-numru rilevanti ta' jiem ta' xogħol li l-membru tal-persunal ma jkunx serva.

(c) Matul il-perijodu ta' prova l-membru tal-persunal jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg billi jagħti avviż ta' xahar.

(d) Matul il-perijodu ta' prova, id-Direttur jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg b'avviż ta' xahar jekk ix-xogħol tal-membru tal-persunal jiġi vvalutat bħala insuffiċjenti. Id-Direttur jista' jtemm ukoll il-ftehim dwar l-impjieg minnufih dment li jsiru l-ħlasijiet dovuti kollha tas-salarju, inkluż għall-perijodu ta' notifika. Inkella l-prestazzjoni tal-membru tal-persunal għandha tiġi vvalutata mis-superviżur tiegħu skont il-punti 23 u 24 tar-Regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku. Abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni, il-ħatra għandha tiġi kkonfermata jew terminata b'effett immedjat jew il-perijodu ta' prova jiġi estiż għal mhux aktar minn sitt xhur.

(e) Jekk id-Direttur jonqos milli jieħu deċiżjoni sa tmiem il-perijodu ta' prova, il-ħatra għandha titqies ikkonfermata.

5. IL-ĦINIJIET TAX-XOGĦOL U X-XOGĦOL PART-TIME

5.1. Id-determinazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol

(a) Il-ġimgħa tax-xogħol normali għandha tikkonsisti f'ħamest ijiem ta' xogħol, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bi tmien siegħat tax-xogħol kull jum għall-persunal full-time li jinkludu pawża obbligatorja ta' 30 minuta. Il-membri tal-persunal għandhom jibdew bil-jum ta' xogħol tagħhom mhux aktar tard mid-9.00.

(b) Il-ħinijiet tax-xogħol tal-esperti sekondati għandhom ikunu rregolati bil-kuntratti bejn is-Segretarjat u l-gvern jew l-organizzazzjoni internazzjonali ta' sekondament, b'kunsiderazzjoni tad-dmirijiet tagħhom matul il-perijodu tas-sekondament tagħhom fis-Segretarjat.

(c) Id-Direttur għandu joħroġ regoli dwar l-użu flessibbli tal-ħinijiet tax-xogħol fi ħdan il-ġimgħa tax-xogħol normali.

(d) Ma għandu jingħata ebda kumpens għall-ħinijiet maħduma lil hinn mill-ġimgħa tax-xogħol stabbilita ħlief kif previst fil-punt (e) ta' din it-Taqsima.

(e) Membri tal-persunal li, minħabba l-ħtiġijiet tas-servizz, jingħataw struzzjoni diretta mis-superviżur tagħhom, wara l-approvazzjoni tad-Direttur, biex jaħdmu s-sahra, u li jaċċettaw li jagħmlu dan, għandhom jiġu kkumpensati. Il-kumpens għandu jingħata fil-forma ta' ħin liberu, bir-rata ta' siegħa għal kull siegħa ta' sahra maħduma. Għal xogħol li jsir wara t-tmienja ta' filgħaxija, fi tmiem il-ġimgħa u f'festi uffiċjali, ir-rata ta' kumpens għandha tkun ta' siegħa u nofs għal kull siegħa maħduma. Il-membri tal-persunal għandhom iżommu rekords ta' kwalunkwe sahra mwettqa li għandhom ikunu ċċertifikati mis-superviżur li jkun talab is-sahra. Il-kumpens għas-sahra fil-forma ta' ħin liberu għandu jintuża mill-membru tal-persunal fi żmien xahrejn mis-sahra. Il-kumpens għas-sahra li ma jintużax matul dak il-perijodu għandu jintilef. Fi kwalunkwe każ, kull kumpens mhux użat għas-sahra għandu jintilef sa tmiem kull sena tal-kalendarju. Is-sahra ma għandhiex taqbeż l-20 siegħa fix-xahar, sakemm ma tkunx debitament ġustifikata f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali u soġġetta għal approvazzjoni motivata bil-miktub mid-Direttur.

5.2. Xogħol part-time

(a) Il-membri tal-persunal jistgħu jitolbu awtorizzazzjoni biex jaħdmu part-time. Id-Direttur jista' jagħti awtorizzazzjoni bħal din jekk dan ikun kompatibbli mal-interessi tas-Segretarjat. Il-membri tal-persunal għandhom ikunu awtorizzati jaħdmu part-time fil-każijiet li ġejjin:

(i) biex jieħdu ħsieb tfal taħt id-disgħa snin;

(ii) biex jieħdu ħsieb tfal ta' bejn id-disa' u t-tnax-il sena, jekk it-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol ma jkunx aktar minn 20 % tal-ħin tax-xogħol normali;

(iii) biex jieħdu ħsieb konjuġi, qraba fil-linja axxendenti, qraba fil-linja dixxendenti, aħwa b'mard serju jew b'diżabbiltà;

(iv) biex jieħdu sehem f'taħriġ ulterjuri; jew

(v) minn meta jagħlqu t-58 sena, matul l-aħħar ħames snin qabel l-irtirar.

(b) Meta x-xogħol part-time jintalab biex jieħdu sehem f'taħriġ ulterjuri jew minn meta jagħlqu t-58 sena, id-Direttur jista' jirrifjuta l-awtorizzazzjoni jew jipposponi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal raġunijiet prevalenti li jkollhom x'jaqsmu mas-servizz. Meta t-tali intitolament għall-awtorizzazzjoni ikun eżerċitat biex jieħdu ħsieb konjuġi, qraba axxendenti, qraba dixxendenti, aħwa b'marda serja jew b'diżabbiltà, jew biex jieħdu sehem f'taħriġ ulterjuri, it-total tat-tali perjodi kollha ma għandux jaqbeż is-sitt xhur matul l-impjieg tal-membru tal-persunal fis-Segretarjat.

6. TERMINAZZJONI TAL-FTEHIM DWAR L-IMPJIEG

Il-ftehim dwar l-impjieg għandu jkun soġġett għal terminazzjoni skont il-kundizzjonijiet li ġejjin u fil-forom li ġejjin:

(a) matul il-perijodu ta' prova: b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni;

(b) mal-iskadenza tat-terminu tiegħu: bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tat-Taqsima 4.8;

(c) bi ftehim reċiproku: b'nota miktuba, iffirmata mill-membru tal-persunal u mid-Direttur;

(d) imġiba ħażina tal-membru tal-persunal: b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni;

(e) imġiba ħażina tad-Direttur: b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni;

(f) nuqqas ta' prestazzjoni professjonali (inkompetenza): b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni;

(g) ristrutturar jew nuqqas ta' riżorsi: b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni;

(h) raġunijiet ta' saħħa: b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni;

(i) l-ilħuq tal-età ta' rtirar: b'ittra reġistrata ta' terminazzjoni.

7. TERMINAZZJONI BIKRIJA MINN MEMBRU TAL-PERSUNAL

(a) Il-membri tal-persunal jistgħu jitolbu terminazzjoni tal-ftehim dwar l-impjieg tagħhom b'avviż ta' xahrejn. Id-Direttur u l-membru tal-persunal jistgħu jaqblu fuq avviż iqsar u dwar kundizzjonijiet speċifiċi oħra tat-terminazzjoni.

(b) Il-membri tal-persunal jistgħu jtemmu l-ftehim dwar l-impjieg mingħajr avviż f'każ ta' mġiba ħażina stabbilita mid-Direttur. Id-dritt ta' terminazzjoni tal-ftehim dwar l-impjieg fuq din il-bażi għandu jintilef wara xahrejn minn meta sseħħ l-imġiba ħażina inkwistjoni.

(c) Il-membri tal-persunal, fuq preżentazzjoni ta' evidenza medika, jistgħu jtemmu l-ftehim dwar l-impjieg tagħhom b'avviż ta' xahar jekk is-saħħa tagħhom ma jippermettux l-issodisfar ulterjuri ta' dmirijiethom. Membru tal-persunal jista' jaqbel dwar terminazzjoni aktar bikrija bil-ħlas għall-perijodu rilevanti.

8. TERMINAZZJONI BIKRIJA MID-DIRETTUR

(a) Id-Direttur jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg mingħajr avviż f'każ ta' mġiba ħażina stabbilita ta' membru tal-persunal.

(b) Id-Direttur jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg b'avviż ta' tliet xhur f'każ ta' nuqqas muri ta' kompetenza professjonali suffiċjenti b'rabta mad-deskrizzjoni tal-impjieg għall-pożizzjoni rilevanti u għall-kompiti assenjati. Qabel ma jieħu d-deċiżjoni dwar it-tali terminazzjoni, id-Direttur għandu jipprovdi notifika bil-miktub b'raġunijiet konkreti u bi żmien raġonevoli biex titjieb il-kompetenza, li ma jistax ikun anqas minn xahar ta' ħidma effettiva. Id-Direttur għandu jitlob ukoll kjarifiki bil-miktub mingħand il-membru tal-persunal. Il-kjarifiki għandhom jiġu prodotti mill-membru tal-persunal fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jirċievi t-talba. Jekk il-membru tal-persunal jonqos milli jippreżenta l-kjarifiki bil-miktub fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi t-talba, id-Direttur jista' jieħu deċiżjoni abbażi tal-bqija tal-informazzjoni disponibbli.

(c) Id-Direttur jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg fuq deċiżjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija b'rabta mar-ristrutturar, ma' insuffiċjenza ta' riżorsi jew ma' tnaqqis tal-persunal. L-avviżi ta' terminazzjoni f'każijiet bħal dawn ma jistgħux ikunu iqsar minn tliet xhur.

(d) Id-Direttur jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg sa mhux qabel sitt xhur wara l-istabbiliment b'ċertifikazzjoni minn tabib kwalifikat li membru tal-persunal, għal raġunijiet ta' saħħa, ikun f'qagħda fejn b'mod permanenti ma jistax ikompli jagħti servizz skont il-kwalifiki tiegħu. It-terminazzjoni għandha tkun b'avviż ta' xahrejn. Id-Direttur jista' jaqbel dwar terminazzjoni aktar bikrija bil-ħlas għall-perijodu rilevanti.

(e) Id-Direttur jista' jtemm il-ftehim dwar l-impjieg mingħajr avviż meta l-membru tal-persunal jilħaq l-età tal-irtirar.

9. IS-SALARJI, L-IVVJAĠĠAR U L-ISPEJJEŻ TAR-RILOKAZZJONI

9.1. Is-salarji

(a) L-iskala tas-salarju li tikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-karigi fis-Segretarjat hija pprovduta fl-Appendiċi għal dawn ir-Regolamenti tal-Persunal u għandha tiġi rieżaminata b'mod regolari mill-Kumitat ta' Tmexxija biex jiġi żgurat li tibqa' kompetittiva u allinjata mar-rekwiżiti tas-Segretarjat.

(b) Is-salarji għandhom jitħallsu ta' kull xahar, 12-il darba fis-sena. Il-kumpens stipulat fil-ftehim dwar l-impjieg jinkludi l-pretensjonijiet kollha tal-membru tal-persunal rigward ir-remunerazzjoni inkluż iżda mhux limitat għaż-żmien tal-ivvjaġġar kif deskritt f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal u f'regoli rilevanti oħra.

9.2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar

(a) Membru tal-persunal li jivvjaġġa fuq missjoni u li għandu istruzzjoni xierqa għal ivvjaġġar għandu jkun intitolat għal rimborż tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għal allowance ta' sussistenza ta' kuljum skont ir-regoli dwar l-ivvjaġġar.

(b) It-tali vvjaġġar jista' jseħħ:

(i) mal-ħatra;

(ii) mat-trasferiment lejn stazzjon tax-xogħol oħra tal-Komunità tat-Trasport;

(iii) fuq xogħol uffiċjali; u

(iv) mat-terminazzjoni ta' ftehim dwar l-impjieg.

9.3. Spejjeż tar-Rilokazzjoni

Il-Komunità tat-Trasport għandha trodd lura l-ispejjeż tal-membri tal-persunal reklutati u tal-membri tal-familja tagħhom biex imorru joqogħdu fis-sede tas-Segretarjat biex jieħdu l-karigi tagħhom u biex imorru lura fil-post tar-reklutaġġ tagħhom mat-terminazzjoni tal-ftehim dwar l-impjieg tagħhom. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tar-rilokazzjoni.

10. FESTI U LEAVE

10.1. Festi pubbliċi

Il-festi pubbliċi għandhom ikunu dawk tal-leġislazzjoni nazzjonali fl-istazzjon tax-xogħol. Id-Direttur għandu joħroġ il-lista ta' festi pubbliċi fi tmiem kull sena tal-kalendarju għas-sena segwenti. Bl-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur, il-membri tal-persunal għandhom ipartu sa tliet festi fis-sena għal raġunijiet personali jew reliġjużi. Id-Direttur għandu jiżgura li t-tali tpartit ma jaffettwax b'mod negattiv il-funzjonament tas-Segretarjat.

10.2. Leave annwali

(a) Il-membri tal-persunal għandu jkollhom leave annwali bir-rata ta' jumejn u nofs ta' xogħol fix-xahar. Il-leave annwali jista' jiġi akkumulat sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena inkwistjoni. Il-leave akkumulat fis-snin ta' qabel li ma jintużax sal-31 ta' Marzu ta' kwalunkwe sena jintilef.

(b) Il-leave annwali jista' jittieħed f'jiem u f'nofs jiem. Għandu jkun approvat mid-Direttur wara qbil mas-superviżur. Id-Direttur, soġġett għall-ħtiġijiet tas-servizz, għandu jagħti lil kull membru tal-persunal l-opportunità li jieħu l-leave annwali li jkun intitolat għalih.

(c) Il-leave annwali akkumulat għandu jintuża matul il-perijodu tal-avviż.

10.3. Leave minħabba mard

(a) Il-membri tal-persunal għandhom jingħataw leave minħabba mard ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe tliet snin konsekuttivi. L-ewwel tliet xhur għandhom ikunu b'salarju sħiħ u t-tieni tliet xhur b'nofs is-salarju. Normalment ma għandhomx jingħataw aktar minn tliet xhur leave minħabba mard b'salarju sħiħ u tliet xhur leave minħabba mard b'nofs is-salarju fi kwalunkwe perijodu ta' 12-il xahar konsekuttivi.

(b) Membru tal-persunal li jkun assenti mix-xogħol minħabba mard għal aktar minn jum ta' xogħol wieħed għandu jippreżenta ċertifikat mediku li jiddikjara d-durata probabbli tal-inkapaċità tiegħu. Assenza nhar ta' Tnejn jew nhar ta' Ġimgħa għandha tkun koperta minn ċertifikat mediku. Leave minħabba mard mingħajr ċertifikat mediku jista' jintuża mhux aktar minn darbtejn matul kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur.

10.4. Leave tal-maternità

(a) Membri tal-persunal nisa għandu jkollhom total ta' 16-il ġimgħa leave tal-maternità b'paga sħiħa. Il-leave tal-maternità ma jistax jibda qabel tmien ġimgħat qabel id-data prevista tat-twelid mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku li jindika d-data prevista tat-twelid. F'każ ta' periklu serju għall-omm jew inkella għall-wild, il-leave tal-maternità jista' jinbeda qabel, wara l-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku li jirrakkomanda leave tal-maternità li jibda qabel. Il-leave tal-maternità ma jistax jibda aktar tard minn erba' ġimgħat qabel id-data prevista tat-twelid.

(b) Il-leave ta' wara l-ħlas għandu jestendi tul perijodu ta' tmien ġimgħat wara d-data tat-twelid. Dan il-perijodu għandu jkun estiż għal kwalunkwe perijodu mhux użat ta' leave tal-maternità qabel id-data tat-twelid. F'każ ta' twelid qabel it-terminu, ta' diversi wlied jew ta' Ċeżarja, il-leave ta' wara l-ħlas għandu jestendi tul perijodu ta' 12-il ġimgħa wara d-data tat-twelid.

10.5. Leave għal-luttu

Il-membri tal-persunal għandu jkollhom total ta' ħamest ijiem ta' xogħol ta' leave speċjali b'paga sħiħa fis-sena fil-każ tal-mewt ta' konjuġi, ta' wild, ta' ġenituri jew ta' qraba viċini oħra li kienu jgħixu fl-istess dar bħall-membru tal-persunal.

10.6. Leave speċjali bi ħlas

(a) Il-membri tal-persunal jistgħu jingħataw leave speċjali bi ħlas fil-każijiet li ġejjin:

(i) żwieġ tal-membru tal-persunal: ħamest ijiem ta' xogħol konsekuttivi;

(ii) żwieġ ta' wild: jumejn ta' xogħol konsekuttivi;

(iii) twelid ta' wild: għaxart ijiem ta' xogħol konsekuttivi, li għandhom jittieħdu matul l-erbatax-il ġimgħa wara d-data tat-twelid;

(iv) tibdil fir-residenza tal-membru tal-persunal: jumejn ta' xogħol konsekuttivi.

(b) Sa għaxart ijiem ta' xogħol ta' leave speċjali bi ħlas fis-sena jistgħu jingħataw għal skopijiet edukattivi b'benefiċċju għall-Komunità tat-Trasport.

10.7. Leave speċjali mhux bi ħlas

Il-membri tal-persunal jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jingħataw leave speċjali mhux bi ħlas bid-diskrezzjoni tad-Direttur li għandu jqis l-interessi tas-Segretarjat. Id-Direttur għandu jiddeċiedi dwar il-kundizzjonijiet u l-perijodu ta' leave speċjali mhux bi ħlas f'kull każ individwali abbażi tal-applikazzjoni mill-membru tal-persunal filwaqt li jqis l-interessi tas-Segretarjat.

10.8. Leave għat-tfal

Il-membri tal-persunal għandu jkollhom jumejn ta' xogħol ta' leave annwali fis-sena għal kull wild li jkollhom.

10.9. Leave għall-ivvjaġġar lura d-dar

Il-membri tal-persunal għandu jkollhom jumejn ta' xogħol ta' leave annwali fis-sena għall-ivvjaġġar lejn il-post ta' reklutaġġ tagħhom ħlief meta l-post ta' reklutaġġ tagħhom ikun il-post fejn is-Segretarjat ikollu s-sede tiegħu.

10.10. Leave għas-servizz

Il-membri tal-persunal għandu jkollhom jum ta' xogħol ta' leave annwali addizzjonali fis-sena wara kull ħames snin ta' servizz fis-Segretarjat.

10.11. Assenza mhux awtorizzata

Assenza mhux awtorizzata mix-xogħol għandha tiġi debitata mill-bilanċ tas-sahra tal-membru tal-persunal, jekk ikollu, jew mil-leave annwali akkumulat tiegħu. Jekk il-membru tal-persunal ma jkollu ebda leave annwali akkumulat, dan ma għandux jirċievi paga għall-perijodu ta' assenza mhux awtorizzata. Dan ma għandu jipprekludi l-ebda azzjoni dixxiplinari.

11. IR-REGOLI DWAR L-IRTIRAR

Il-membri tal-persunal għandhom jirtiraw fl-aħħar jum tax-xahar li fih jilħqu l-età tal-irtirar kif ikun applikabbli fil-post tar-reklutaġġ tagħhom.

12. IL-BENEFIĊĊJI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI, IL-PENSJONIJIET U L-ASSIGURAZZJONI TAD-DIŻABBILTÀ

(a) Skont il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali, il-membri tal-persunal u l-membri tal-familja tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jieħdu sehem fi kwalunkwe assigurazzjoni tas-sigurtà soċjali tar-Repubblika tas-Serbja (saħħa, qgħad, pensjoni u diżabbiltà).

(b) Il-Komunità tat-Trasport tista' tikkontribwixxi għall-assigurazzjoni tas-saħħa, tal-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-membri tal-persunal u għall-membri tal-familja tagħhom skont ir-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat ta' Tmexxija.

13. APPELL MILL-PERSUNAL

Il-membri tal-persunal jistgħu jinnotifikaw bil-miktub lid-Direttur - jew lill-Presidenza tal-Kumitat ta' Tmexxija meta l-ilment ikun jikkonċerna lid-Direttur - kull meta huma jqisu li jkunu ġew ittrattati b'mod li jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku jew regoli rilevanti oħra jew li huma kienu soġġetti għal trattament inġustifikabbli jew inġust minn superjur.

14. IL-KUMITAT TA' KONĊILJAZZJONI

(a) Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 15 ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kwalunkwe tilwima bejn is-Segretarjat u l-membru tal-persunal rigward dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku jew regoli rilevanti oħra, l-ewwel nett, għandha tiġi ppreżentata quddiem il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

(b) Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jkun magħmul minn:

(i) rappreżentant tal-Presidenza attwali tal-Kumitat ta' Tmexxija;

(ii) rappreżentant tal-Presidenza tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-mandat li jmiss;

(iii) rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea.

(c) Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jiddeċiedi b'maġġoranza.

(d) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura qabel il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

15. IS-SOLUZZJONI TA' TILWIM

(a) Kwalunkwe tilwima bejn is-Segretarjat u l-membru tal-persunal rigward dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku jew regoli rilevanti oħra, l-ewwel nett, għandha tiġi solvuta minn arbitru li għandu jinħatar mill-Kumitat ta' Tmexxija.

(b) L-arbitru għandu jiddeċiedi dwar it-tilwima f'konformità ma' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku jew regoli rilevanti oħra. Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ma għandhomx ikunu fi ħdan il-kompetenza tal-arbitru

(c) Il-proċedimenti ta' soluzzjoni ta' tilwim kollha għandhom isiru f'Belgrad, u l-lingwa ta' dawn il-proċedimenti għandha tkun l-Ingliż. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi r-regoli dwar is-soluzzjoni ta' tilwim bl-għan li jiffaċilita proċedura tempestiva bi spejjeż raġonevoli għall-partijiet.

APPENDIĊI

Salarji fix-xahar indikattivi tal-membri tal-persunal tas-Segretarjat

1. Pożizzjoni	2. Salarju fix-xahar f'Euros
Direttur	8 000-10 000
Deputat Direttur	6 000-7 000
Kap ta' Diviżjoni	5 500-6 200
Espert	4 500-5 000
Assistent għad-Direttur	2 500
Segretarju	2 000

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2019 TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …

dwar l-adozzjoni ta' avviżi ta' postijiet battala għad-Direttur u għad-Deputat Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. L-avviż ta' post battal għad-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, kif stabbilit fl-Anness 1 għal din id-Deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

2. L-avviż ta' post battal għad-Deputat Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, kif stabbilit fl-Anness 2 għal din id-Deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-President

ANNESS 1

Avviż ta' post battal għad-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport qed iħabbar sejħa għal post battal għal pożizzjoni full-time ta'

DIRETTUR TAS-SEGRETARJAT PERMANENTI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

1. Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Il-Komunità tat-Trasport hija organizzazzjoni internazzjonali mwaqqfa permezz tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-"Trattat") li ġie ffirmat fid-9 ta' Ottubru 2017 u li jinkludi l-Partijiet Kontraenti li ġejjin: l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa, jiġifieri l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo *, il-Montenegro u s-Serbja.

Il-Komunità tat-Trasport għandha tissejjes fuq l-integrazzjoni progressiva tas-swieq tat-trasport tal-Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk fis-suq tat-trasport tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-*acquis* rilevanti, inklużi fl-oqsma tal-istandards tekniċi, l-interoperabbiltà, is-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku, il-politika soċjali, l-akkwist pubbliku u l-ambjent, għall-modi kollha tat-trasport eskluż it-trasport bl-ajru.

L-għan tat-Trattat huwa l-ħolqien ta' Komunità tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq, ferrovjarju, bil-passaġġi fuq l-ilma intern u marittimu kif ukoll l-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport bejn l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa.

Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport (is-"Segretarjat") huwa waħda mill-istituzzjonijiet stabbiliti permezz tat-Trattat. Peress li huwa l-unika istituzzjoni b'persunal permanenti, dan jipprovdi appoġġ amministrattiv lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunità tat-Trasport (il-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, il-kumitati tekniċi u l-Forum Soċjali), taġixxi bħala Osservatorju tat-Trasport biex tissorvelja l-prestazzjoni tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T tan-netwerks komprensivi u ewlenin lejn il-Balkani tal-Punent u jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Konnettività tas-Sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (WB6) li għandha l-għan li ttejjeb il-konnessjonijiet fi ħdan il-Balkani tal-Punent kif ukoll bejn ir-reġjun u l-Unjoni Ewropea. Dan jirrieżamina wkoll l-implimentazzjoni tal-obbligi skont it-Trattat.

Is-Segretarjat għandu persunal inizjali ta' 18-il espert (li jista' jiżdied) u jiġġestifli jxxi l-baġit tal-Komunità tat-Trasport, li jammonta għal EUR 1 626 000 għall-2019.

Il-lingwa ta' ħidma tal-Komunità tat-Trasport hija l-Ingliż.

Is-Segretarjat huwa bbażat f'Belgrad.

2. Il-pożizzjoni ta' Direttur tas-Segretarjat

Skont l-Artikolu 30 tat-Trattat u r-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, id-Direttur tas-Segretarjat jinħatar mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali wara konsultazzjoni tal-Kunsill Ministerjali, fuq proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Il-mandat tad-Direttur ma għandux jaqbeż it-tliet snin u ma jistax jiġġedded għal aktar minn darbtejn.

Id-Direttur imexxi u jimmaniġġja s-Segretarjat u huwa r-rappreżentant legali u l-wiċċ pubbliku tal-Komunità tat-Trasport. Id-Direttur huwa responsabbli quddiem il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali.

Id-Direttur ser ikun responsabbli għad-direzzjoni u għall-ġestjoni ġenerali tas-Segretarjat. Id-Direttur għandu jiżgura, fi ħdan il-qafas operazzjonali u baġitarju approvat mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, servizz professjonali u ta' kwalità għolja mis-Segretarjat sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattat. Id-Diretttur ser ikun responsabbli biex jiżgura koordinazzjoni mexxejja bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-partijiet ikkonċernati tal-Komunità tat-Trasport, għall-benefiċċju tal-kisba tal-għanijiet tal-Komunità tat-Trasport.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Id-Direttur ser jinteraġixxi mal-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa, mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali tat-trasport, mal-istituzzjonijiet finanzjarji istituzzjonali li jinkludu l-Qafas ta' Investiment tal-Punent tal-Balkani (WBIF) u ma' partijiet ikkonċernati oħra sabiex jippromwovi l-iżvilupp u l-funzjonament tajjeb tal-infrastruttura tat-trasport fir-reġjun f'konformità man-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport kif estiż għall-Balkani tal-Punent. Id-Direttur ser jipprovdi wkoll appoġġ lill-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa sabiex jimplimentaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasport u oqsma relatati kif inklużi u aġġornati b'mod regolari fit-Trattat.

Kif previst fl-Artikolu 31 tat-Trattat, fit-twettiq ta' dmirijiethom, id-Direttur u l-persunal tas-Segretarjat għandhom jaġixxu b'mod imparzjali u ma għandhomx ifittxu u lanqas ma għandhom jirċievu struzzjonijiet mingħand xi Parti Kontraenti. Dawn għandhom jippromwovu l-interessi tal-Komunità tat-Trasport.

3. Il-Kompiti Ewlenin tad-Direttur

Ir-responsabbiltajiet tad-Direttur jinkludu:

(1) il-prestazzjoni u l-ġestjoni ġenerali tas-Segretarjat, tar-riżorsi u tal-persunal tiegħu;

(2) l-għoti, b'mod personali kif ukoll bl-assistenza ta' persunal ieħor tas-Segretarjat, ta' sostenn amministrattiv sħiħ lill-Kunsill Ministerjali, lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, lill-kumitati tekniċi u lill-Forum Soċjali. Dan ser jinkludi t-tħejjija ta' laqgħat f'kooperazzjoni mal-Presidenza (l-abbozzar ta' dokumenti u ta' minuti, l-informar lill-parteċipanti, l-assistenza fil-laqgħat, eċċ.);

(3) l-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-baġit, kif ukoll ir-rapportar anwali lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit;

(4) li jwettaq kollegament ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jinkludu d-WBIF, u diversi organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mat-trasport; l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet involuti fis-settur tat-trasport fir-reġjun kemm f'livell bilaterali kif ukoll multilaterali, l-attendenza għal konferenzi internazzjonali jew reġjonali, l-għoti ta' preżentazzjonijiet u l-promozzjoni tal-objettivi tat-Trattat b'mod ġenerali;

(5) l-iżgurar li r-reklutaġġ mis-Segretarjat jitwettaq f'konformità mar-regoli rilevanti u li s-Segretarjat ser ikollu persunal ferm kwalifikat biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu;

(6) it-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tat-trasport u ma' oħrajn rilevanti tal-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa u tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha;

(7) il-koordinazzjoni tat-tħejjija, għad li mhux bilfors il-kitba, ta' rapporti u ta' dokumenti oħra relatati mal-objettivi tat-Trattat u meħtieġa mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali;

(8) il-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni u tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti;

(9) l-approvazzjoni u s-superviżjoni tal-pjan ta' komunikazzjoni tas-Segretarjat.

Barra minn hekk, id-Direttur għandu jwettaq kull kompitu ieħor mitlub mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali u skont l-istruzzjonijiet tal-Kumitat.

4. Il-kriteriji ta' eliġibilità

Biex jiġu kkunsidrati għall-proċedura tal-għażla, il-kandidati jridu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà segwenti sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet:

— Ikunu ċittadini ta' Parti Kontraenti jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

— Lawrja jew diploma universitarja: Ikollhom:

  — livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestat permezz ta' diploma fejn il-perijodu normali ta' edukazzjoni universitarja huwa ta' erba' snin jew iżjed, jew

  — livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestat permezz ta' diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perijodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tiġi inkluża fl-esperjenza professjonali ta' wara l-lawrja meħtieġa hawn taħt);

— Esperjenza professjonali: Ikollhom tal-anqas 14-il sena esperjenza wara l-gradwazzjoni miksuba wara li jkunu nkisbu l-kwalifika meħtieġa msemmija hawn fuq;

— Esperjenza professjonali rilevanti: Mill-14-il sena esperjenza professjonali, ikunu kisbu tal-anqas erba' snin fis-settur tat-trasport, fil-politika tat-trasport jew fir-regolamentazzjoni tat-trasport;

— Esperjenza maniġerjali: Ikollhom tal-anqas erba' snin esperjenza professjonali miksuba f'funzjoni ta' maniġment superjuri;

— Lingwi: Ikollhom għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż;

— Limitu tal-età: Fl-iskadenza għall-applikazzjonijiet, ikunu jistgħu jwettqu l-mandat ta' tliet snin qabel tmiem ix-xahar li fih jilħqu l-età ta' 66 sena.

— Ħtiġijiet marbuta mal-ivvjaġġar: Medji sa Intensi; l-aktar fir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa u lejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

5. Il-kriterji tal-għażla

L-applikanti ser jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji tal-għażla li ġejjin:

(1) Ħiliet maniġerjali

— Kapaċità ppruvata fil-ġestjon ta' korp pubbliku, kemm f'livell strateġiku kif ukoll operazzjonali;

— Esperjenza solida fit-tmexxija u fil-motivazzjoni ta' tim f'ambjent multikulturali;

— Esperjenza solida fil-ġestjoni ta' riżorsi baġitarji u finanzjarji;

(2) Għarfien tekniku

Lawrja Universitarja fl-ekonomija, fix-xjenzi politiċi, fil-liġi, fit-trasport jew fl-inġinerija hija meħtieġa. Barra minn din, ir-rekwiżiti li ġejjin għall-kandidat li japplika:

— Għarfien estensiv dwar il-politika u l-prattika regolatorji rilevanti għas-settur tat-trasport;

— Għarfien u/jew esperjenza fis-settur tat-trasport ta' Parti Kontarenti jkunu ta' vantaġġ;

— Kapaċità li jiżviluppa viżjoni strateġika għas-Segretarjat;

— Għarfien dwar il-politiki u l-proċessi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tal-politika tat-trasport tal-Unjoni Ewropea, ikun ta' vantaġġ;

— Esperjenza ta' ħidma mar-reġjun tal-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa u/jew fih tkun ta' vantaġġ;

(3) Komunikazzjoni

— Ħila eċċellenti ta' komunikazzjoni b'mod orali u bil-miktub mal-pubbliku u ta' kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (awtoritajiet Ewropej, internazzjonali, nazzjonali u lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ.);

— Ħiliet interpersonali tajbin u ħila li jiġu stabbiliti u mantnuti relazzjonijiet tax-xogħol effettivi f'organizzazzjoni multikulturali u mal-Partijiet Kontraenti, mal-korpi tat-Trattat u mal-partijiet ikkonċernati li għandhom interessi fl-implimentazzjoni tat-Trattat;

— Ħiliet eċċellenti ta' negozjar;

— Għarfien profond tal-Ingliż b'mod orali u bil-miktub. Għarfien ta' lingwa uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti huwa meqjus ta' vantaġġ.

(4) Esperjenza internazzjonali u għarfien dwar l-Unjoni Ewropea

— Għarfien profond dwar l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u dwar kif joperaw u jinteraġixxu, u dwar il-politiki u l-attivitajiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea ta' rilevanza għall-attivitajiet tal-Komunità tat-Trasport;

— Esperjenza professjonali miksuba f'organizzazzjonijiet Ewropej u/jew internazzjonali tkun ta' vantaġġ.

6. Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Id-Direttur ser jintalab jagħmel dikjarazzjoni li jintrabat li jaġixxi b'mod indipendenti favur l-interess pubbliku u dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull interess li jista' jitqies ta' ħsara għall-indipendenza tiegħu. L-applikanti jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

7. Għażla u ħatra

Ser jitwaqqaf bord tal-għażla għall-proċess tal-għażla. Dan il-bord ser jistieden lill-applikanti bl-aħjar profil għar-rekwiżiti speċifiċi tal-kariga għal intervista, magħżula fuq il-bażi tal-merti tagħhom rilevanti għall-kariga skont il-kriterji stabbiliti hawn fuq. Il-kandidati mdaħħla fil-lista qasira mill-bord tal-għażla mbagħad jintalbu jattendu intervista mal-Kummissarju responsabbli għat-Trasport.

Wara dawk l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea ser tipproponi kandidat wieħed lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jista' jitlob is-smigħ tal-persuna nominata qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar il-ħatra. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ser jiddeċiedi dwar il-ħatra tad-Direttur, wara li jikkonsulta lill-Kunsill Ministerjali.

8. Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Komunità tat-Trasport japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni skont ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

9. Kundizzjonijiet tal-impjieg ([1])

Id-Direttur ser jinħatar bħala membru tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport għal perijodu ta' tliet snin, b'perijodu ta' prova ta' 6 xhur. Il-ftehim dwar l-impjieg jista' jiġi estiż darbtejn għal perjodi suċċessivi ta' tliet snin, abbażi tal-prestazzjoni u soġġetti għal deċiżjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali.

Il-post tax-xogħol huwa Belgrad, fejn huwa bbażat is-Segretarjat.

Il-kumpens ser ikun proporzjonat għall-kwalifiki u għall-esperjenza tal-kandidat ammess, u jikkorrispondi għall-esperjenza u għall-edukazzjoni. Is-salarju annwali jkun ivarja bejn EUR 96 000 u EUR 120 000, skont il-livell ta' esperjenza ([2]).

Id-disponibbiltà fl-eqreb data tkun ta' vantaġġ.

10. Il-proċedura ta' applikazzjoni

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati jridu jippreżentaw:

(1) ittra ta' motivazzjoni;

(2) curriculum vitae (CV) bl-Ingliż. Is-CV idealment għandu jkun abbozzat bl-użu tal-format tas-CV Euro pass ([3]). Is-CV irid jirreferi għall-kriterji tal-għażla kif elenkati f'dan l-avviż ta' post battal u tispjega kif, fil-fehma tal-kandidat, huwa jissodisfa kull waħda mill-ħiliet u mill-kompetenzi msemmija fih;

(3) kopji ċċertifikati ta' diplomi jew ta' ċertifikati ta' studji;

(4) kopja tal-passaport/tal-ID;

(5) referenzi tal-impjegaturi, ċertifikati tax-xogħol jew ftehimiet ta' impjieg; u

(6) dikjarazzjoni ffirmata bl-użu tal-formola mehmuża fl-Appendiċi.

Applikazzjonijiet li ma jkunux kompluti mhumiex ser jiġu aċċettati.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, il-komunikazzjoni kollha mal-applikanti rigward dan il-post battal ser issir bl-Ingliż.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu *bil-posta elettronika* lil: XXXMOVE@ec.europa.eu (il-kaxxa tal-ittri għad trid tinħoloq)

L-applikanti huma mitluba jgħarrfu kwalunkwe tibdil fl-indirizz bil-miktub mingħajr dewmien fl-indirizz tal-posta elettronika ta' hawn fuq.

Il-persuni ta' kuntatt għal informazzjoni addizzjonali:

xxxx

([1]) Aktar dettalji fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport fuq http
([2]) Soġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ministerjali.
([3]) Is-CV tal-Europass jista' jitniżżel mis-sit web: http://europass.cedefop.europa.eu

11. Id-data tal-għeluq

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-posta elettronika sa mhux aktar tard minn XXX (data tal-ittra elettronika).

Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' dan il-post battal bil-pubblikazzjoni fuq is-siti web tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Komunità tat-Trasport.

Il-kandidati mdaħħla fil-lista qasira ser jiġu kkuntattjati biex jiskedaw l-intervisti. L-intervisti ser isiru fi Brussell, il-Belġju.

12. Informazzjoni importanti għall-applikanti

L-applikanti huma mfakkra li xogħol il-kumitati tal-għażla huwa kunfidenzjali. Huwa pprojbit li l-applikanti jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri ta' dawk il-kumitati, jew li xi ħadd ieħor jagħmel dan f'isimhom.

13. Protezzjoni tad-*data* personali

Il-Kummissjoni Ewropea ser tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([4]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

APPENDIĊI

Dikjarazzjoni tal-applikant

Ħiliet lingwistiċi:

Lingwa materna: .....

Lingwi oħrajn: .....

DIKJARAZZJONI TAL-APPLIKANT

(1) Jien, is-sottoskritt(a), niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola ta' applikazzjoni u fl-hemżiet tagħha hija korretta u kompluta.

(2) Niddikjara li:

(a) Jien ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew ta' waħda mill-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa kif elenkati fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u ngawdi d-drittijiet sħaħ tiegħi bħala ċittadin;

(b) Issodisfajt kwalunkwe obbligu impost fuqi mil-liġijiet li jikkonċernaw is-servizz militari;

(c) Nista' nipproduċi r-referenzi xierqa dwar il-karattru biex nagħti prova tal-adegwatezza tiegħi għat-twettiq tad-dmirijiet previsti.

(3) Fuq talba, ser nipprovdi dokumenti ta' prova rigward il-punti (a), (b) u (c) tal-punt 2 minnufih, u jien nagħraf li, jekk ma nipprovdix dawn id-dokumenti, l-applikazzjoni tiegħi mhix ser tiġi kkunsidrata.

(4) Jien konxju li d-dokumenti ta' prova li ġejjin huma essenzjali għall-ammissibilità tal-formola ta' applikazzjoni tiegħi:

(a) dokumenti li jagħtu prova tad-data tat-twelid, taċ-ċittadinanza u tar-residenza;

(b) diplomi jew ċertifikati tal-istudji fil-livell meħtieġ;

(c) referenzi tal-impjegaturi, ċertifikati tax-xogħol jew kuntratti ta' impjieg.

(5) Jien niddikjara li ma kontx soġġett(a) għal kundanna penali jew dixxiplinari (servizz pubbliku jew korpi professjonali) u li safejn naf m'iniex is-suġġett ta' proċedimenti dixxiplinari jew kriminali.

(6) Jien konxju li kwalunkwe dikjarazzjoni falza tista' tirriżulta fir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħi jew, jekk ikun hemm bżonn, fit-terminazzjoni tal-ftehim dwar l-impjieg mas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

....

Data Firma

ANNESS 2

Avviż ta' post battal għad-Deputat Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport qed iħabbar sejħa għal post battal għal pożizzjoni full-time ta'

DEPUTAT DIRETTUR TAS-SEGRETARJAT PERMANENTI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT/KAP TAS-SETTUR AMMINISTRATTIV U FINANZJARJU

1. Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Il-Komunità tat-Trasport hija organizzazzjoni internazzjonali mwaqqfa permezz tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-"Trattat") li ġie ffirmat fid-9 ta' Ottubru 2017 u jinkludi l-Partijiet Kontraenti li ġejjin: l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet mix-Xlokk tal-Ewropa, jiġifieri l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo *, il-Montenegro u s-Serbja.

Il-Komunità tat-Trasport għandha tissejjes fuq l-integrazzjoni progressiva tas-swieq tat-trasport tal-Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk fis-suq tat-trasport tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-*acquis* rilevanti, inklużi fl-oqsma tal-istandards tekniċi, l-interoperabbiltà, is-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku, il-politika soċjali, l-akkwist pubbliku u l-ambjent, għall-modi kollha tat-trasport eskluż it-trasport bl-ajru.

L-għan tat-Trattat huwa l-ħolqien ta' Komunità tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq, ferrovjarju, bil-passaġġi fuq l-ilma intern u marittimu kif ukoll l-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport bejn l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa.

Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport (is-"Segretarjat") huwa waħda mill-istituzzjonijiet stabbiliti permezz tat-Trattat. Peress li huwa l-unika istituzzjoni b'persunal permanenti, dan jipprovdi appoġġ amministrattiv lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunità tat-Trasport (il-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, il-kumitati tekniċi u l-Forum Soċjali), taġixxi bħala Osservatorju tat-Trasport biex tissorvelja l-prestazzjoni tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T tan-netwerks komprensivi u ewlenin lejn il-Balkani tal-Punent u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Konnettività tas-Sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (WB6) li għandha l-għan li ttejjeb il-konnessjonijiet fi ħdan il-Balkani tal-Punent kif ukoll bejn ir-reġjun u l-Unjoni Ewropea. Dan jirrieżamina wkoll l-implimentazzjoni tal-obbligi skont it-Trattat.

Is-Segretarjat għandu persunal inizjali ta' 18-il espert (li jista' jiżdied) u jimmaniġġja l-baġit tal-Komunità tat-Trasport, li jammonta għal EUR 1 626 000 € għall-2019.

Il-lingwa ta' ħidma tal-Komunità tat-Trasport hija l-Ingliż.

Is-Segretarjat huwa bbażat f'Belgrad.

2. Deskrizzjoni tal-pożizzjoni

Taħt is-superviżjoni diretta tad-Direttur, id-Deputat Direttur/Kap tas-settur amministrattiv u finanzjarju ser ikun responsabbli għat-tħejjija tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport u s-Segretarjat tiegħu u għall-kwistjonijiet relatati kollha tal-persunal. Id-Deputat Direttur ser ikun responsabbli wkoll li jissorvelja l-istrateġija ta' komunikazzjoni tas-Segretarjat kif ukoll il-manutenzjoni regolari tal-bażijiet ta' *data* tat-trasport/tas-sistema tal-IT, inkluż is-sit web tas-Segretarjat.

Fin-nuqqas tad-Direttur, id-Deputat Direttur ser ikun responsabbli għad-direzzjoni u għall-ġestjoni ġenerali tas-Segretarjat.

3. Il-Kompiti Ewlenin tad-Deputat Direttur/tal-Kap tas-settur amministrattiv u finanzjarju

Il-kompiti prinċipali ser ikunu:

Dwar kwistjonijiet finanzjarji.

(1) li jħejji l-baġit tal-Komunità tat-Trasport fl-intier tiegħu u tas-Segretarjat Permanenti b'mod partikolari;

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

(2) li jassisti lid-direttur fil-ġestjoni tal-baġit f'livell operazzjonali, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġestjoni finanzjarja;

(3) li jħejji informazzjoni operazzjonali, kif ukoll rapporti *ad hoc* regolari għall-istituzzjonijiet kompetenti, b'rabta mat-tħejjija u mal-ġestjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport; it-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati; ir-rispons għall-osservazzjonijiet tal-awditjar intern/estern;

(4) li jkun inkarigat mid-disponibbiltà u mit-tħaddim tas-sistemi effiċjenti ta' kontroll intern u mill-manutenzjoni tar-rekords kontabilistiċi rilevanti;

(5) li jniedi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema kontabilistika, bl-għan li jissettja rapportar effiċjenti u affidabbli dwar l-attivitajiet finanzjarji, li jtejjeb il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-baġit u l-kontroll tiegħu.

Dwar ir-riżorsi umani/kwistjonijiet tal-persunal:

(1) li jinteraġġixxi mas-servizz tal-kontabilità estern kif ukoll ma' awtoritajiet relatati oħra (kumpaniji tal-assigurazzjoni/ministeri);

(2) li jikkontrolla b'mod ġenerali l-manutenzjoni tal-bażi ta' *data* relatata mal-intitolamenti għal-leave tal-uffiċjali skont ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport;

(3) li jħejji l-proċeduri u jassisti lid-Direttur fir-reklutaġġ tal-uffiċjali tas-Segretarjat, minn perspettiva amministrattiva u legali.

Dwar kwistjonijiet relatati mal-IT u mal-Komunikazzjoni:

(1) li jissorvelja t-twaqqif tas-sit web tas-Segretarjat u tal-politika ta' komunikazzjoni tiegħu, f'kollegament mad-Direttur;

(2) li jissorvelja l-aġġornament regolari tas-sistemi tal-IT tas-Segretarjat inkluż l-aġġornament tal-bażijiet ta' *data* dwar it-trasport li jinsabu fis-Segretarjat;

(3) taħt is-superviżjoni diretta tad-Direttur, li jorganizza u jaġġorna l-għodod u l-istrumenti ta' komunikazzjoni tas-Segretarjat; li jinteraġixxi mal-unitajiet operazzjonali bl-għan li jwaqqaf pjan ta' komunikazzjoni għas-Segretarjat;

4. Il-kriteriji ta' eliġibilità

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-proċedura tal-għażla, il-kandidati jridu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà segwenti sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet:

— Ikunu ċittadini ta' Parti Kontraenti jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

— Lawrja jew diploma universitarja: Ikollhom:

  — livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestat permezz ta' diploma fejn il-perijodu normali ta' edukazzjoni universitarja huwa ta' erba' snin jew iżjed, jew

  — livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestat permezz ta' diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perijodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tiġi inkluża fl-esperjenza professjonali ta' wara l-lawrja meħtieġa hawn taħt).

— Esperjenza professjonali: Ikollhom tal-anqas 10-il sena esperjenza wara l-gradwazzjoni miksuba wara li jkunu nkisbu l-kwalifika meħtieġa msemmija hawn fuq;

— Esperjenza professjonali rilevanti: Mill-10 snin esperjenza professjonali, ikunu kisbu tal-anqas erba' snin fl-amministrazzjoni, fir-riżorsi umani jew f'dipartimenti tal-baġit;

— Lingwi: Ikollhom għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż;

— Limitu tal-età: Fl-iskadenza għall-applikazzjonijiet, ikunu jistgħu jwettqu l-mandat ta' tliet snin qabel tmiem ix-xahar li fih jilħqu l-età ta' 66 sena.

— Rekwiżiti ta' vvjaġġar: Medji sa baxxi.

5. Kriterji tal-għażla

L-applikanti ser jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji tal-għażla li ġejjin:

(1) Għarfien tekniku

— Esperjenza murija bil-provi fil-ġestjoni ta' baġit f'livell operazzjonali;

— Għarfien estensiv dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani;

— Għarfien solidu dwar ir-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġestjoni finanzjarja, inkluż l-awditjar;

— Kapaċità li jużaw l-għodod tal-komunikazzjoni;

— Esperjenza fit-tmexxija ta' tim żgħir ta' persuni;

— Esperjenza fil-ħidma mar-reġjun tal-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa u/jew fih tkun ta' vantaġġ;

(2) Komunikazzjoni

— Ħila eċċellenti ta' komunikazzjoni b'mod orali u bil-miktub għall-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (awtoritajiet Ewropej, internazzjonali, nazzjonali u lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ.);

— Għarfien profond tal-Ingliż b'mod orali u bil-miktub. Għarfien ta' lingwa uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti huwa meqjus ta' vantaġġ.

(3) Esperjenza internazzjonali u għarfien dwar l-Unjoni Ewropea

— Għarfien dwar l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea/il-ġestjoni pubblika internazzjonali;

— Esperjenza professjonali miksuba f'organizzazzjonijiet Ewropej u/jew internazzjonali tkun ta' vantaġġ.

6. Għażla u ħatra

Ser jitwaqqaf bord tal-għażla għall-proċess tal-għażla. Dan il-bord ser jistieden lill-applikanti bl-aħjar profil għar-rekwiżiti speċifiċi tal-kariga għal intervista, magħżula abbażi tal-merti tagħhom rilevanti għall-kariga skont il-kriterji stabbiliti hawn fuq.

Wara dawk l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea ser tipproponi kandidat wieħed lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jista' jitlob is-smigħ tal-persuna nominata qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar il-ħatra. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ser jiddeċiedi dwar il-ħatra tad-Deputat Direttur, wara li jikkonsulta lill-Kunsill Ministerjali.

7. Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Komunità tat-Trasport japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni skont ir-regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

8. Kundizzjonijiet tal-impjieg ([1])

Id-Deputat Direttur ser jinħatar bħala membru tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport għal perijodu ta' tliet snin, b'perijodu ta' prova ta' 6 xhur. Il-ftehim dwar l-impjieg jista' jiġi estiż darbtejn għal perjodi suċċessivi ta' tliet snin, abbażi tal-prestazzjoni u soġġetti għal deċiżjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali.

Il-post tax-xogħol huwa Belgrad, fejn huwa bbażat is-Segretarjat.

Il-kumpens ser ikun proporzjonat għall-kwalifiki u għall-esperjenza tal-kandidat ammess, u jikkorrispondi għall-esperjenza u għall-edukazzjoni. Is-salarju annwali ser ivarja bejn EUR 72 000 u EUR 84 000, skont il-livell ta' esperjenza ([2]).

Id-disponibbiltà fl-eqreb data tkun ta' vantaġġ.

([1]) Aktar dettalji jinsabu fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport fuq http

([2]) Soġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ministerjali.

9. Il-proċedura ta' applikazzjoni

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati jridu jissottomettu:

(a) ittra ta' motivazzjoni;

(b) curriculum vitae (CV) bl-Ingliż. Is-CV idealment għandu jkun abbozzat bl-użu tal-format tas-CV Euro pass ([3]). Is-CV irid jirreferi għall-kriterji tal-għażla kif elenkati f'dan l-avviż ta' post battal u tispjega kif, fil-fehma tal-kandidat, huwa jissodisfa kull waħda mill-ħiliet u mill-kompetenzi msemmija fih;

(c) kopji ċċertifikati ta' diplomi jew ta' ċertifikati ta' studji;

(d) kopja tal-passaport/tal-ID;

(e) referenzi tal-impjegaturi, ċertifikati tax-xogħol jew kuntratti ta' impjieg;

(f) dikjarazzjoni ffirmata bl-użu tal-formola mehmuża fl-Appendiċi.

Applikazzjonijiet li ma jkunux kompluti mhumiex ser jiġu aċċettati.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, il-komunikazzjoni kollha mal-applikanti rigward dan il-post battal ser issir bl-Ingliż.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu *bil-posta elettronika* lil: XXXMOVE@ec.europa.eu (il-kaxxa tal-ittri għad trid tinħoloq)

L-applikanti huma mitluba jgħarrfu kwalunkwe tibdil fl-indirizz bil-miktub mingħajr dewmien fl-indirizz tal-posta elettronika ta' hawn fuq.

Il-persuni ta' kuntatt għal informazzjoni addizzjonali:

xxxx

10. Id-data tal-għeluq

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-posta elettronika sa mhux aktar tard minn XXX (data tal-ittra elettronika).

Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' dan il-post battal bil-pubblikazzjoni fuq is-siti web tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Komunità tat-Trasport.

Il-kandidati mdaħħla fil-lista qasira ser jiġu kkuntattjati biex jiskedaw l-intervisti. L-intervisti ser isiru fi Brussell, il-Belġju.

11. Informazzjoni importanti għall-applikanti

L-applikanti huma mfakkra li xogħol il-kumitati tal-għażla huwa kunfidenzjali. Hu pprojbit li l-applikanti jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri ta' dawn il-kumitati, jew li xi ħadd ieħor jagħmel dan f'isimhom.

12. Protezzjoni tad-*data* personali

Il-Kummissjoni Ewropea ser tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([3]) Is-CV tal-Europass jista' jitniżżel mis-sit web: http://europass.cedefop.europa.eu

([4]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

APPENDIĊI

Dikjarazzjoni tal-applikant

Ħiliet lingwistiċi:

Lingwa materna: .....

Lingwi oħrajn: .....

DIKJARAZZJONI TAL-APPLIKANT

(1) Jien, is-sottoskritt(a), niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola ta' applikazzjoni u fl-hemżiet tagħha hija korretta u kompluta.

(2) Niddikjara li:

(a) Jien ċittadin(a) ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew ta' waħda mill-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa kif elenkati fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u ngawdi d-drittijiet sħaħ tiegħi bħala ċittadin;

(b) Issodisfajt kwalunkwe obbligu impost fuqi mil-liġijiet li jikkonċernaw is-servizz militari;

(c) Nista' nipproduċi r-referenzi xierqa dwar il-karattru biex nagħti prova tal-adegwatezza tiegħi għat-twettiq tad-dmirijiet previsti.

(3) Fuq talba, ser nipprovdi dokumenti ta' prova rigward il-punti (a), (b) u (c) tal-punt 2 minnufih, u jien nagħraf li, jekk ma nipprovdix dawn id-dokumenti, l-applikazzjoni tiegħi mhix ser tiġi kkunsidrata.

(4) Jien konxju li d-dokumenti ta' prova li ġejjin huma essenzjali għall-ammissibilità tal-formola ta' applikazzjoni tiegħi:

(a) dokumenti li jagħtu prova tad-data tat-twelid, taċ-ċittadinanza u tar-residenza;

(b) diplomi jew ċertifikati tal-istudji fil-livell meħtieġ;

(c) referenzi tal-impjegaturi, ċertifikati tax-xogħol jew ftehimiet ta' impjieg.

(5) Jien niddikjara li ma kontx soġġett(a) għal kundanna penali jew dixxiplinari (servizz pubbliku jew korpi professjonali) u li safejn naf m'iniex is-suġġett ta' proċedimenti dixxiplinari jew kriminali.

(6) Jien konxju li kwalunkwe dikjarazzjoni falza tista' tirriżulta fir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħi jew, jekk ikun hemm bżonn, fit-terminazzjoni tal-ftehim dwar l-impjieg mas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

....

Data Firma